MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 621/2003

**United Automobile Limited**

**vs**

**Danny Doneo**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta’ Dicembru tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef hames mija u zewg Liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (LM4502.62) ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici wara bejgh u konsenja ta’ vettura Opel Astra MOM-023, u dan kif anke jirrizulta**

**minn 38 kambjala li jimmaturaw fit-18 ta' kull xahar; 21 minnhom u cioe' dawk bejn Marzu 2002 u Novembru 2003 immaturaw u 17 ohra ghadhom ma skadewx pero' l-posizzjoni tal-konvenut inbidlet b'mod li m'huwiex aktar f'posizzjoni li jhallas il-pagamenti;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi tal-Mandat ta' Qbid pprezentat kontestwalment, u tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Ottubru tas-sena 2002. U bl-interessi skond il-ligi;**

**3. Il-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata 11 ta' Frar tas-sena 2004 li biha s-socjeta' attrici rriduciet l-ammont mitlub fl-avviz ghal elfejn disa' mija u zewg Liri Maltin (LM2902.62) stante pagament fil-mori tal-kawza filwaqt li zammet ferma l-posizzjoni taghha rigward l-ispejjez u l-interessi rimanenti dovuti skond il-ligi;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-11 ta' Frar tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma kif ridotta ta' elfejn disa' mija u zewg Liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (LM2902.62), bl-ispejjez u bl-interessi dovuti skond il-ligi.**

**Marica Sammut**

Kopja Informali ta' Sentenza

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------